**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru 2020**

**Talba Nru: 101/19 CZ**

**Neil Grech**
**vs.**

**Shawn Risiott u 7 Steps Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fl-14 ta' Mejju 2019 li permezz taghha ppremetta:

Illi l-konvenut kien qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xoghol ta' disinn, grafika digitali u mod iehor, kif ukoll fost ohrajn disinn ta' menu, signs u oggetti relatati.

Illi l-attur wettaq ix-xoghol kollu mitlub u pattwit a sodisfazzjon tal-konvenut li min-naha tieghu pero' naqas li jhallas l-ammont kollu mitlub u ghalhekk baqa' bilanc ta' €1,256.

Illi minkejja li l-attur interpella lill-konvenuti peremzz ta' Ittra 166A numru 1923/18 dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-ammont ta' €1,256 jew ammont verjuri inkuz bl-ispejjez tal-prezenti u tal-istess ittra numru 1923/18 u l-imghat ta' 8% piu' imghax b'rata ohra li t-Tribunal jidhirlu xieraq mid-data tal-konsenja jew minn data ohra sal-hlas effettiv komplut.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-18 ta' Gunju 2019 li permezz taghha eccepew:

Illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, l-attur ma ghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali ma' Shawn Risiott, u kwalunkwe servizz li ta, tah lil u ghall-beneficcju tas-socjeta' 7 Steps Co. Limited biss;
2. Fit-tieni lok, is-socjeta' intimata 7 Steps Co. Limited hallset is-somma ta' €400, li hija gusta u proporzjonali mal-prodott shih li nghatat u konsonanti mal-prezzijiet fis-suq; b'hekk ghandha titqies li hallset kollox. B'hekk ukoll, l-ammont li qieghed jippretendi l-attur huwa esagerat, eccessiv, u/jew ibbazat fuq sighat inezistenti, sproporzjonati, u/jew minfuha, li ma humiex riflessi fil-prodott moghti.
3. Fit-tielet lok, it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
   Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-konvenut[1], tal-attur[2], tal-attur mill-gdid[3], u l-konvenut mill-gdid[4].

Sema' t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-fatti kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

Illi l-konvenut qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xi xoghol ta' grafika u dizinn ghal pasterizzerija f'San Giljan. Fiz-zmien li qabbdu, l-attur kien ghadu student, u l-konvenut jghid li qabbdu f'din il-kwalita' sabiex jiffranka mill-prezz tas-servizz;

Illi l-attur indika lill-konvenut li ghal xoghlu kien behsiebu jithallas hmistax-il Euro (€15) is-siegha, u x-xoghol beda.

Illi l-attur ghamel ix-xoghol li tqabbad jaghmel, u mhuwiex kontestat li dan ix-xoghol tlesta, u dwar dan ma kienx hemm problemi.

[1] Fol. 16
[2] Fol. 23
[3] Fol. 74A
[4] Fol. 84

Illi l-attur baghat it-talba tal-hlas ghal xoghlu fl-10 ta' Mejju 2018, u dan ghall-ammont tas-somma indikata fil-kawza odjerna. Parti minn din is-somma kienet tirraprezenta spejjez propju, filwaqt li parti ohra kienet sabiex l-attur jithallas tas-servizz propju li ta.

Illi l-konvenut deherlu li l-kont kien wiehed eccessiv, u persuna impjegata mill-konvenut anke qalet lill-attur illi jekk inaqqas mit-talba li kien ghamel, kienu jikkunsidraw ihallsuh.

Illi l-konvenut isostni illi l-attur ma messux ha l-ammont ta' sighat li ha sabiex wettaq ix-xoghol maghmul, u in sostenn ta' dan ipproduca stimi ohra li juru li ghax-xoghol mitlub, provvedituri ohra kienu lesti jithallsu inqas.

Illi finalment il-hlas mitlub baqa' ma thallas l-ebda parti minnu.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi mhuwiex kontestat illi l-attur ghamel ix-xoghol li tqabbad jaghmel.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[5] illi:

[5] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall-principju illi *omnia labor, optat premium*. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis*, anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali.  Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili).  Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit –vs- Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

Illi dan kollu qed jigi citat anke fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut qed isostni li l-prezz mitlub huwa eccessiv.  Jekk wiehed ihares lejn it-talba ghall-hlas a fol. 57, wiehed isib illi essenzjalment l-attur qed jitlob €675 ghal xoghol relatat mal-*logo* u d-ditta,

€360 ghal xoghol tal-menu, u €255 ghal disinn tad-*display*. Dawn l-ammonti hadu hamsa w erbghin, erbgha u ghoxrin, u sbatax-il siegha rispettivament, b'kollox sitta u tmenin siegha, li jammontaw b'kollox ghal €1,290.

Illi t-Tribunal ra wkoll l-istimi migjuba mill-konvenut u jidhirlu li ghax-xoghol maghmul dawn l-istimi huma baxxi wisq. Min-naha l-ohra l-attur jidher li verament ghamel ricerka u uza ammont ta' sighat sabiex wasal ghall-prodott li wasal ghalih, inkluz billi anke ghen fizikament sabiex jitwahhal ix-xoghol u ssorvelja dan fuq il-post. Madankollu t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi l-ammont ta' sighat inidikati mill-attur ghal dan ix-xoghol huma verament eccessivi, u wara li qies l-istimi migjuba mill-konvenut, ix-xoghol maghmul, u t-talba maghmula mill-attur, ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub indikat fil-paragrafu precedenti (€1,290) kwart ta' dan l-ammont, filwaqt li l-ispejjez indikati fit-talba ghall-hlas tal-attur jithallsu fis-shih. B'hekk jigi li mit-talba maghmula mill-attur, ghandhom jitnaqqsu tliet mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€322.50), u l-ammont verament dovut jigi €933.50.

Illi kwantu ghall-argument tal-konvenut illi l-attur kellu jithallas inqas ghaliex kien student, it-Tribunal jara li ma kien hemm xejn x'ixekkel lill-konvenut, anke dak iz-zmien, milli jgib stimi bhal dawk li gab matul il-kawza, sabiex iqabbel u jara x'ikun l-ahjar. Ghalhekk dan l-argument ma jregix.

Illi kwantu ghall-eccezzjoni li nghatat minhabba li l-konvenut gie mharrek ukoll personalment, ghandu jinghad illi l-konvenut dejjem wiegeb u wkoll prezenta ruhu f'ismu u bhala tali ma kienx fin-nuqqas l-attur li indikah bhala konvenut veru u propju.

Illi finalment ghandu jinghad illi l-konvenut ma wera l-ebda rieda tajba sabiex ihallas, la l-ammont is-shih u lanqas l-ammont li kien jidhirlu li ghandu jhallas. Ma rrizultax li offra lill-attur ammont inqas, jew li b'xi mod iddepozita taht l-awtorita'

tal-Qorti s-somma li skond hu kellu jhallas. Dan ittiehed in kunsiderazzjoni mit-Tribunal ukoll sabiex iktar 'l isfel qed jigi deciz li ghandhom ikunu l-konvenuti li jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk lit-Tribunal jirrizultalu li l-attur ghandu jithallas is-somma ta' €933.50 kif stabbilita mit-Tribunal iktar 'il fuq *arbitrio boni viri*.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement jilqa' parzjalment ukoll it-talbiet tal-attur, u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u tlieta u tletin Euro u hamsin centezmu (€933.50), flimkien mal-imghax, li ghandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Mejju 2018 sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza u tal-ittra ufficcjali numru 1923/18 ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur